*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,231, 26 ta' Jannar, 1990*
*Taqsima C*

# Nru. 120

26. 1. 90

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Falzon, M.P., Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 1990.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Falzon, M.P., Minister for Development of Infrastructure, and read the First time at the Sitting of the 24th January, 1990.

**AN ACT to amend the Post Office Act, 1975.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.
Att XXXV ta' l-1975.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subparagrafu (b) tal-paragrafu (4) ta' l-artikolu 4 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

"(ċ) illi huwa jeħtieġ l-istampat li għandu x'jaqsam ma' dik l-attività edukattiva, professjonali, kulturali jew xjentifika li tkun qegħda leġittimament titwettaq minnu, u illi huwa ma jkunx sejjer imexxi dak l-istampat ħlief lil persuni li jkunu qegħdin iwettqu attività edukattiva, professjonali, kulturali jew xjentifika simili u f'dan il-każ b'kondizzjoni simili li ma jmexxux dak l-istampat.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz huwa sabiex jagħti setgħa lill-Bord ta' l-Appelli dwar Stampat li jeħles lil persuni li jkunu qegħdin iwettqu attività edukattiva, professjonali, kulturali jew xjentifika, u in konnessjoni ma' l-istess attività, ċertu stampat li kien ikun oġġezzjonabbli li kellu jinħeles lill-pubbliku in ġenerali.

## A BILL
## entitled

*AN ACT to amend the Post Office Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

Act XXXV of 1975.

**1.** This Act may be cited as the Post Office (Amendment) Act, 1990, and shall be read and construed as one with the Post Office Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of Second Schedule to the principal Act.

**2.** Immediately after subparagraph (b) of paragraph (4) of article 4 of the Second Schedule to the principal Act, there shall be added the following paragraph:

"(c) that he requires the printed matter in connection with such educational, professional, cultural or scientific activity being lawfully carried out by him, and that he shall not circulate such printed matter other than to persons carrying out a similar educational, professional, cultural or scientific activity and under a like condition not to circulate the same.".

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to empower the Printed Matter Appeals Board to release to persons carrying out an educational, professional, cultural or scientific activity, and in connection with the same, certain printed matter which would be objectionable if it were to be released to the general public.